MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 535/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charmaine Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charmaine Vella talli:

(1) fis-7 ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofs inhar, fil-fond Ultimate li jinsab fi Vjal ir-Rihan, f'San Gwann, ikkommettiet serq ta' *laptop* tad-ditta HP Pavillion, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu

(€2329.37) ghad-dannu ta’ Mario Cutajar u/jew persuni ohra;

(2) fl-istess jum u fil-jiem ta’ wara d-data fuq imsemmija, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn dawn il-Gzejjer, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex tbieghhom jew tmexxihom;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saret recidiva b’diversi sentenzi li huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Dicembru 2010 li biha, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmija Charmaine Vella hatja ta’ l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet, mhux hatja tat-tieni (2) imputazzjoni ta’ ricettazzjoni, li minnha lliberatha stante li hija imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, u, wara li rat l-artikoli 261, 267, 279, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatha ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Charmaine Vella pprezentat fl-14 ta’ Dicembru 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn sabitha hatja ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u lliberatha mit-tieni imputazzjoni, u thassar dik il-parti fejn ikkundannatha tmintax-il (18) xahar prigunerija u tinfliggi perijodu ta’ prigunerija aktar idoneju ghall-imputazzjonijiet ammessi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan hu appell mill-piena li l-appellanti tqis eccessiva. Hija tghid li huwa evidenti mis-sentenza appellata li l-intenzjoni ta' l-ewwel Qorti wara l-imposizzjoni tal-piena ta' prigunerija ghal tmintax-il xahar kienet li l-appellanti f'dak iz-zmien tkun tista' tibda u tkompli sa tmiemu programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. L-appellanti tghid li prezentement hija diga` qed tiskonta sentenza ohra ta' prigunerija ghal zmien ta' sentejn u tliet xhur u ghaldaqstant ser ikollha zmien bizzejjed sabiex issegwi programm residenzjali sa tmiemu. Inoltre ssostni li l-piena hi eccessiva meta jitqies l-oggett li tieghu l-appellanti nstabet hatja ta' serq u l-valur tieghu, kif ukoll l-ammissjoni bikrija u c-cirkostanzi partikolari ta' l-appellanti.

Issa, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Ghal dik li hi l-piena applikabbli f'dan il-kaz l-artikolu 279(a) jipprovdi li fejn il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija hi  ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin. Minhabba li l-appellanti hi recidiva mbaghad il-piena tista' titla' bi grad. Dan ifisser li l-piena ta' prigunerija tista' titla' ghal zmien minn seba' xhur sa erba' snin. Konsegwentement m'hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi entro l-parametri tal-ligi.

Evidentement l-ewwel Qorti kienet preokkupata mill-fatt li l-appellanti naqset milli tittermina programm ta' rijabilitazzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta mill-atti li fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2009 l-appellanti (allura imputata) iddikjarat li *"hija lesta li tissokta fil-programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga ma' l-istituzzjoni ta' San Blas."* Id-difensur taghha ddikjara li l-appellanti kienet bi hsiebha tghix temporanejament ma' certa Pamela Muscat li kienet qed trabbi t-tfal taghha. Ma setghetx mela "tissokta" programm jekk kienet se tghix f'post iehor. Mela hawn ghandna l-ewwel indikazzjoni li l-appellanti kienet ghadha ma bdietx programm residenzjali. Difatti dakinhar stess hija nghatat il-helsien mill-arrest bil-kondizzjoni, *inter alia*, li *"tibda u tikkompleta sal-finalita` tieghu, programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga f'wahda mill-istituzzjonijiet assocjati mal-Caritas jew Sedqa bil-kundizzjoni li f'kaz illi l-imputat ma jkomplix il-programm il-Pulizija jkunu minn issa awtorizzati illi jiddetenuha fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin."*

Fil-15 ta' Settembru 2009 xehdet certa Maria O'Cock li nfurmat lill-Qorti li kienet lesta tilqa' lill-appellanti ghandha mis-16 ta' Settembru 2009. Fis-16 ta' Settembru 2009 saret seduta ohra fejn il-Qorti giet assigurata li l-appellanti *"tista' tibda ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga x'aktarx millum stess"*. Gie verbalizzat li giet esplorata wkoll il-possibilita` ta' *day programme* izda li m'hemmx din il-possibilita` qabel Jannar 2010. Fis-17 ta' Settembru 2009 l-ewwel Qorti rrevokat id-digriet ta' helsien mill-arrest li kienet tat fit-2 ta' Settembru 2009 wara li semghet trattazzjoni tal-partijiet, l-intervent ta' Joyce Cassar ta' San Blas, l-intervent ta' Pamela Muscat u Patrick O'Cock u l-informazzjoni mibghuta mill-Oasi li setghet taccetta lill-appellanti f'Novembru. Dakinhar inghata digriet iehor ta' helsien mill-arrest minghajr il-kondizzjoni li ssegwi programm bhalma kien hemm fid-digriet tat-2 ta' Settembru 2009. L-ewwel Qorti mbaghad iddifferiet il-kawza sabiex issegwi l-progress ta' l-appellanti.

Fis-seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru 2009 gie verbalizzat li l-Qorti kienet giet infurmata permezz ta’ e-mail minghand Noel Scerri, dirigent tal-Fondazzjoni OASI, li l-appellanti kienet bdiet programm ta’ l-OASI u li fl-ewwel perijodu ma tkunx tista’ tattendi l-Qorti. Fis-seduta sussegwenti tad-29 ta’ Ottubru 2009 xehed Noel Scerri li qal li l-appellanti kienet iddahhlet il-gurnata tat-Tnejn Dar l-Impenn ghal *detoxification*, it-Tlieta telqet, u, peress illi ma setghux idahhluha Monte Carmeli, spiccat id-dar taghha prattikament imsakkra hemm b’wiehed mit-tfal, mhux il-hin kollu, maghha. Fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2009 il-Qorti giet infurmata li l-appellanti kienet bdiet il-programm residenzjali ta’ l-OASI u jidher li kienet sejra tajjeb kif jirrizulta mill-e-mail Dok. X (a fol. 60) datat 10 ta’ Novembru 2009. Sfortunatament minn e-mail datat 23 ta’ Novembru 2009 mibghut mill-OASI, irrizulta li fit-22 ta’ Novembru 2009 l-appellanti kienet telqet mill-programm. Imbaghad saru hames seduti fejn ma deher hadd. Fis-seduta tas-7 ta’ April 2010 deher l-ufficjal prosekutur li kkonferma li l-appellanti kienet harget mill-OASI, li ma kinitx qed tirrisjedi fil-post indikat fl-akkuza u li kienet qieghdha fuq il-*wanted list* tal-Pulizija. Sas-seduta tal-21 ta’ April 2010 l-appellanti kienet ghadha ma nstabitx. Ghas-seduta sussegwenti ta’ l-20 ta’ Mejju 2010 l-appellanti dehret assistita, tat l-indirizz fejn kienet qed tirrisjedi u n-numru tal-*mobile* taghha u l-kawza differita ghat-23 ta’ Gunju 2010. Ghal din is-seduta l-appellanti ma dehritx. L-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li minkejja tfittxija bir-reqqa ma setghetx tigi rintraccata u kienet imnizzla bhala mfittxija mill-Pulizija ma’ l-Ewropa kollha. Aktar tard deher l-Avukat Dottor Peter Fenech li ta l-indirizz fejn kienet qed tghix l-appellanti – l-istess indirizz li kienet tat hi fis-seduta precedenti salv li n-numru ta’ l-appartament kien differenti. Ghas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2010 l-appellanti, li jidher li kienet prezenti qabel ma ssejhet il-kawza, ma dehritx meta msejha u l-ewwel Qorti ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ arrest. Fit-8 ta’ Novembru 2010 l-appellanti kienet prezenti, debitament assistita. Xehed l-Ispettur Bernard Spiteri u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Din il-Qorti tat l-*iter* kollu ta’ din il-kawza ghax minnha johrog car l-inaffidabilita` ta’ l-appellanti u n-nuqqas ta’ motivazzjoni taghha sabiex tohrog mill-problema tal-vizzju tad-droga. In-nuqqas ta’ affidabilita` taghha tohrog ukoll mill-fatt illi matul dawn l-istess proceduri hija nstabet hatja ta’ diversi serqiet kommessi proprju fil-mori tal-proceduri. Hekk b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Jannar 2011 hija giet ikkundannata sitt xhur prigunerija dwar, *inter alia*, serq ta’ *laptop* fl-14 ta’ Settembru 2010. B’sentenza precedenti tad-19 ta’ Novembru 2010 giet ikkundannata sentejn u tliet xhur prigunerija dwar, *inter alia*, sensiela ta’ serqiet – xejn inqas minn tnax-il kaz ta *snatch and grab* ta’ *handbags* – kommessi proprju wara li din il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza mill-ewwel Qorti.

Huwa pozittiv illi l-appellanti issa qed tistenna z-zmien meta minn gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin hija tkun tista’ tibda programm ta’ rijabilitazzjoni u huwa minnu illi aktar ma jkollha perijodi twal ta’ prigunerija aktar titbieghed id-data meta tkun tista’ tibda tali programm. Gie argumentat illi l-hsieb ta’ l-ewwel Qorti meta tat sentenza ta’ tmintax-il xahar prigunerija kien illi l-appellanti tkun tista’ b’hekk tavalla ruhha mill-possibilita` li tidhol f’tali programm, u li sadattant inghatat is-sentenza tad-19 ta’ Novembru 2010 li bidlet is-sitwazzjoni kollha. Din il-Qorti hi tal-fehma li jekk din is-sentenza, kif gie sottomess waqt it-trattazzjoni, ingabet a konjizzjoni ta’ l-ewwel Qorti, dik il-Qorti – kieku dehrilha li kellha raguni taghmel hekk – kienet taghti sentenza iqsar. Irid jinghad li mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti tirrizulta, almenu *prima facie*, il-hajja refrattarja taghha. Difatti, minbarra s-sentenzi li diga` saret referenza ghalihom, l-appellanti nstabet hatja dwar varjeta` ta’ reati, fosthom li ghenet persuna tahrab minn Malta, ricettazzjoni, pussess ta’ eroina, falsifikazzjoni, ingurji lil membri tal-Korp tal-Pulizija u xi kontravvenzjonijiet. Jirrizulta li nghatat sentenza sospiza ta’ prigunerija darba, u f’okkazjoni ohra tqieghdet taht ordni ta’ *probation* u s-sentenza sospiza giet estiza. Inoltre bbenefikat minn *conditional discharge* darbtejn.

Wasal iz-zmien li l-appellanti taghmel il-kontijiet mas-socjeta`. Huwa inaccettabbli li persuni bhall-appellanti jibqghu jippretendu l-manjanimita` tal-Qrati. Naturalment kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu u hemm kazijiet fejn il-hatja genwinament urew ir-rieda li jbiddlu hajjithom, u kemm fl-interess taghhom kif ukoll tas-socjeta` gew trattati mill-Qrati b'mezzi alternattivi. Sfortunatament tul il-process quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti wriet in-nuqqas ta' motivazzjoni taghha u wriet l-inaffidabilita` taghha. Ghalhekk issa trid twiegeb ghan-nuqqasijiet taghha. Jekk verament trid tbiddel hajjitha, dan tista' taghmlu bil-mezzi disponibbli minn gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------